Nru. 17,936
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju, 2006
Friday, 23rd June, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 550

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

ATT Nru. VI ta' l-2006 imsejjaħ l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

It-23 ta' Ġunju, 2006

Nru. 551

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fil-21 ta' Ġunju, 2006, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

It-23 ta' Ġunju, 2006

Nru. 552

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Membri *Ad Hoc* tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar

SKOND l-artikolu 14(3) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, (Kap. 356), il-President ta' Malta ħatar lil dawn il-persuni biex joqogħdu fuq bażi *ad hoc* fil-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar b'seħħ mit-12 ta' Ġunju, 2006:

GOVERNMENT NOTICES

No. 550

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

ACT No. VI of 2006 entitled the Social Security (Amendment) Act, 2006.

23rd June, 2006

No. 551

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 21st June, 2006, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

23rd June, 2006

No. 552

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Ad Hoc Members of the Planning Appeals Board

IN terms of article 14(3) of the Development Planning Act, (Cap. 356), the President of Malta has appointed the following persons to sit on an ad hoc basis on the Planning Appeals Board with effect from 12th June, 2006:

Dott. Raymond Zammit, LL.D
Is-Sur Saviour Borg, B.E.&A (Hons)
Is-Sur Antoine Zammit, B.E.&A, M.Sc (Lond)

It-23 ta' Ġunju, 2006

Dr Raymond Zammit, LL.D
Mr Saviour Borg, B.E.&A (Hons)
Mr Antoine Zammit, B.E.&A, M.Sc (Lond)

23rd June, 2006

Nru. 553

KUMMISSJONI NAZZJONALI FOLKLOR

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Kummissjoni Nazzjonali Folklor ġiet kostitwita kif ġej mill-1 ta' Ġunju, 2006 sal-31 ta' Mejju, 2007.

Chairman
Is-Sur Alfred Chetcuti

Deputat Chairman
Is-Sur George Zahra

Membri
Is-Sur Charles Zammit
Ms Marion Zammit
Dr George Mifsud Chircop
Is-Sur Joe Sapiano
Is-Sur Charles Coleiro
Is-Sur Raymond Mugliett
Dr Paul V. Mifsud

Segretarju
Is-Sur Anton Miceli

It-23 ta' Ġunju, 2006

No. 553

NATIONAL FOLKLORE COMMISSION

IT is notified for general information that the National Folklore Commission has been constituted as follows with effect from 1st June, 2006 to 31st May, 2007.

Chairman
Mr Alfred Chetcuti

Deputy Chairman
Mr George Zahra

Members
Mr Charles Zammit
Ms Marion Zammit
Dr George Mifsud Chircop
Mr Joe Sapiano
Mr Charles Coleiro
Mr Raymond Mugliett
Dr Paul V. Mifsud

Secretary
Mr Anton Miceli

23rd June, 2006

Nru. 554

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/REĠISTRATUR QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI ĊIVILI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 554

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/REGISTRAR CIVIL COURTS AND CIVIL TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Paul Miruzzi	Aġent Direttur/ Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili *Acting Director/ Registrar Civil Courts and Civil Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	09–16.07.2006

It-23 ta' Ġunju, 2006

23rd June, 2006

Nru. 555

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Gatt	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	20-23.6.2006

Il-21 ta' Ġunju, 2006

No. 555

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

21st June, 2006

Nru. 556

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li bejn nhar l-Erbgħa, it-12 u nhar il-Ħadd, it-23 ta' Lulju 2006, il-Ġonna ta' San Anton f'Ħ'Attard se jkunu magħluqa għall-pubbliku fit-7.45 p.m. minħabba attivitajiet tal-Malta Amateur Dramatic Company.

It-23 ta' Ġunju, 2006

No. 556

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

San Anton Gardens, Attard

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that from Wednesday, 12th to Sunday, 23rd July 2006, San Anton Gardens at Attard will closed to the public at 7.45 p.m. due to activities by the Malta Amateur Dramatic Company.

23rd June, 2006

Nru. 557

ORDINANZA DWAR L-GĦELUQ TA' ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Buskett

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar l-Erbgħa u nhar il-Ħamis, it-28 u d-29 ta' Ġunju 2006, l-użu tal-Ġonna tal-Buskett se jkun taħt il-kontroll tas-Soċjetà Agrarja.

It-23 ta' Ġunju, 2006

No. 557

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Buskett Gardens

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that on Wednesday and Thursday, 28th and 29th June 2006, Buskett Gardens will be under the control of The Agrarian Society.

23rd June, 2006

Nru. 558

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
16. 06. 06	Lm6.29c0	12c1
19. 06. 06	Lm6.40c6	12c3
20. 06. 06	Lm6.33c0	12c0
21. 06. 06	Lm6.37c7	12c4
22. 06. 06	Lm6.47c1	12c6

It-23 ta' Ġunju, 2006

No. 558

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

23rd June, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 53

Bis-saħħa ta' l-artikolu 93 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap.10), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn that fid-dati u ħinijiet indikati.

Ix-Xewkija, Għawdex

Nhar is-Sibt, l-24 ta' Ġunju 2006, mill-5.15 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Katerina, il-Knisja, Pjazza San Ġwann Battista u l-Mitħna.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Ġunju 2006, mill-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Katerina, San Zakkarija, Pjazza San Ġwann Battista, Ein Kerim, il-Knisja u l-Kbira.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Ġunju 2006, mill-5.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġwann Battista, San Zakkarija, il-Ħelsien, Santa Katerina, il-Ħamrija u l-Indipendenza.

L-ipparkjar fit- toroq imsemmija hawn fuq huwa pprojbit u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkat.

It-23 ta' Ġunju, 2006

POLICE NOTICE

No. 53

In virtue of section 93 (1) of the Code of Police Laws (Cap.10), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Xewkija, Gozo

On Saturday, 24th June 2006, from 5.15p.m. through the following streets: Santa Katerina, il-Knisja, Pjazza San Ġwann Battista and il-Mitħna.

On Sunday, 25th June 2006, from 10.00 a.m. through the following streets: Santa Katerina, San Zakkarija, Pjazza San Ġwann Battista, Ein Kerim, il-Knisja and il-Kbira.

On Sunday, 25th June 2006, from 5.30 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġwann Battista, San Zakkarija, il-Ħelsien, Santa Katerina, il-Ħamrija and l-Indipendenza.

Parking at the abovementioned streets is prohibited and vehicles found to be parked there will be towed away.

23rd June, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 54

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi se jkun imwaqqaf jew imdawwar fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Ġunju 2006 bejn l-4.00 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ix-Xatt quddiem il-Venda tal-*Ferry* u x-Xatt mill-Qalb ta' Ġesu sal-*Magic Kiosk,* it-Torri.

Nhar il-Ħamis, id-29 ta' Ġunju 2006 bejn l-4.00 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ix-Xatt quddiem il-Venda tal-*Ferry* u x-Xatt mill-Qalb ta' Ġesu sal-*Magic Kiosk,* it-Torri.

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Lulju 2006 bejn l-4.00 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ix-Xatt quddiem il-Venda tal-*Ferry* u x-Xatt mill-Qalb ta' Ġesu sal-*Magic Kiosk,* it-Torri.

Nhar il-Ħadd, it-2 ta' Lulju 2006 bejn it-3.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Trofimu, Rudolfu, M. Dimech u San Duminku.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

It-23 ta' Ġunju, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 24 ta' l-2006

Wirjiet ta' Logħob tan-Nar minn fuq Barkun Irmiġġjat f'Daħlet Tas-Sliema, il-Port ta' Marsamxett

Se jsir logħob tan-nar minn fuq barkun f'Daħlet Tas-Sliema, 'l hinn minn Manoel Island fil-Port ta' Marsamxett. Il-barkun se jkun irmiġġjat nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Ġunju, 2006, fil-pożizzjoni murija fuq iċ-*chart* fuq il-*website*:

POLICE NOTICE

Nru. 54

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Sliema

On Wednesday, 28th June 2006 between 4.00 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: Ix-Xatt in front of The Ferry Bus Terminus and ix-Xatt from il-Qalb ta' Ġesu up to Magic Kiosk, it-Torri.

On Thursday, 29th June 2006 between 4.00 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: Ix-Xatt in front of The Ferry Bus Terminus and ix-Xatt from il-Qalb ta' Ġesu up to Magic Kiosk, it-Torri.

On Saturday, 1st July 2006 between 4.00 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: Ix-Xatt in front of The Ferry Bus Terminus and ix-Xatt from il-Qalb ta' Ġesu up to Magic Kiosk, it-Torri.

On Sunday, 2nd July 2006 between 3.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following sstreets: San Trofimu, Rudolfu, M. Dimech and San Duminku.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Public transport will be effected.

23rd June, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 24 of 2006

Fireworks Displays from a Barge moored in Sliema Creek, Marsamxett Harbour

Fireworks displays will be let off from a barge moored in Sliema Creek, off Manoel Island in Marsamxett Harbour. The barge will be moored on Wednesday, 28th June, 2006, in the position indicated on the chart seen on the website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Id-dati u l-ħinijiet tal-wirjiet se jkunu kif ġej:–

Nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Ġunju, 2006, wara l-10.00 p.m.

Nhar il-Ħamis, id-29 ta' Ġunju, 2006, fit-8.00 a.m., f'nofsinhar u fl-10.00 p.m.

Nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Ġunju, 2006, fit-8.00 a.m., f'nofsinhar u fl-10.00 p.m.

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Lulju, 2006, fid-9.00 a.m., f'nofsinhar, fis-6.00 p.m. u bejn l-10.00 p.m. sal-11.30 p.m.

Nhar il-Ħadd, it-2 ta' Lulju, 2006, fit-8.00 a.m. sa l-10.30 a.m. u bejn is-7.00 p.m. u l-10.30 p.m.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma mitluba jżommu 200 metru 'l bogħod mill-barkun fid-dati u l-ħinijiet tal-wirjiet imsemmija hawn fuq.

Chart affettwati: BA 177.

It-23 ta' Ġunju, 2006

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

The dates and times of the displays are as follows:–

Wednesday, 28th June, 2006, after 10.00 p.m.

Thursday, 29th June, 2006, at 8.00 a.m., at noon and at 10.00 p.m.

Friday, 30th June, 2006, at 8.00 a.m., at noon and at 10.00 p.m.

Saturday, 1st July, 2006, at 9.00 a.m., at noon, at 6.00 p.m. and between 10.00 p.m. till 11.30 p.m.

Sunday, 2nd July, 2006, at 8.00 a.m., at 10.30 a.m. and between 7.00 p.m. and 10.30 p.m.

In view of the above mariners are requested to give the barge a wide berth of 200 metres on the dates and times of the displays mentioned above.

Chart affected: BA 177.

23rd June, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Inġinier (Mekkaniku) jew Inġinier *Junior* (Mekkaniku) fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex), Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Inġinier (Mekkaniku) jew Inġinier *Junior* (Mekkaniku) fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex), Ministeru għal Għawdex.

2.1. Il-post ta' Inġinier (Mekkaniku) għandu salarju ta' Lm5,930 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm192 sa massimu ta' Lm7,082 (Skala 9).

2.2. Suġġett għal servizz sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' Inġinier fi Skala 9 titla' għal Skala 8 (Lm6,306 x 209 - Lm7,560) wara sentejn servizz fil-grad u għal Skala 7 (Lm6,713 x 228 – Lm8,081) wara għaxar snin prattika professjonali ppruvata, (jew tmien snin prattika wara li tkun kisbet il-*warrant*). Il-perjodu biex persuna titla' minn Skala 8 għal 7 jitnaqqas b'sentejn fil-każ ta' Inġiniera li jkollhom kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u d-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Engineer (Mechanical) or Junior Engineer (Mechanical) in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital), Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications for the post of Engineer (Mechanical) or Junior Engineer (Mechanical) in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital), Ministry for Gozo.

2.1. The post of Mechanical Engineer carries a salary of Lm5,930 per annum, rising by annual increments of Lm 192 up to a maximum of Lm7,082 (Salary Scale 9).

2.2. Subject to satisfactory performance an Engineer in Scale 9 will proceed to Scale 8 (Lm6,306 x 209 - Lm7,560) on completion of two years service in the grade and to Scale 7 (Lm6,713 x 228 – Lm8,081) on completion of ten years of proven professional practice, (or eight years practice after obtaining warrant), provided that the qualifying period for progression from Scale 8 to 7 is reduced by two years in the case of Engineers in possession of an approved post graduate qualification.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service

Dipartiment tal-*Customer Services* b'mod partikulari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla tipprattika privatament l-professjoni tagħha kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li taħdem fuq bażi ta' *roster* li jinkludi xogħol nhar ta' Ħadd.

6. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Inġinier (Mekkaniku) jinkludu:

(a) inkarigu u direzzjoni ta' manutenzjoni preventiva u tiswija ta' tagħmir bħal *boiler house* u *central heating, pump house,* tagħmir ta' *water treatment,* impjant tar-*Reverse* Osmosis, impjant tad-drenaġġ, sistema ta' distribuzzjoni ta' l-ilma sħun u kiesaħ, impjant ta' *medical gases,* impjant ta' *airconditioning* u *refrigeration, lifts* u tagħmir ieħor bħal dan jew li jista' jiġi installat;

(b) tħejjija ta' speċifikazzjonijiet għal xiri ta' tagħmir mekkaniku u għotja ta' parir fuq offerti għal xiri ta' dan it-tagħmir;

(ċ) superviżjoni għat-tqegħid ta' tagħmir ġdid;

(d) superviżjoni u direzzjoni ta' *staff* tekniku, professjonali u industrijali;

(e) taħriġ tekniku, teoretiku u prattiku għall-i*staff* tekniku fl-oqsma tal-manutenzjoni u tiswija ta' apparat mekkaniku użat mill-Gvern u organizzazzjonijiet parastatali;

(f) assistenza liċ-*Chief Engineer* tad-Dipartiment u xogħol minfloku fin-nuqqas tiegħu.

7. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

jew

in general and the Department of Customer Services in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee may be required to perform duties on roster basis which will include Sunday attendance.

6. The duties of Engineer (Mechanical) include:

(a) taking charge of and directing preventive maintenance and repairs of equipment such as boiler houses and central heating, pump house, water treatment plants, reverse osmosis plants, sewage plants, hot and cold water distribution systems, kitchen equipment, medical gases plant, airconditioning and refrigeration plants, lifts and such other equipment as is or as may be installed;

(b) preparing specifications for the purchase of mechanical equipment and to advise on tenders for the purchase of such equipment;

(c) supervising the erection of new equipment;

(d) upervising and directing technical, professional and industrial staff under his/her charge;

(e) providing technical, theoretical and practical training to the technical staff in the maintenance, servicing and repairs of mechanical equipment in general, and equipment used in Government and parastatal bodies in particular;

(f) assisting the Chief Engineer of the Department as required including deputising duties.

7. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta;

or

(ii) ċittadini ta' Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin);

jew

(iv) il-konjugi u t-tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a) (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond il-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(a) (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikunu gradwati minn Universita fl-Inġinerija Mekkanika, jew kwalifika oħra komparabbli xierqa rikonoxxuta, jew li għandhom l-approvazzjoni li kwalifikaw għal tali *degree*/kwalifika*;*

d) ikollhom *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier f'Malta;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (dawk li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

8.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand dawk il-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'7(a), (b), (ċ) u (e) iżda li għad m'għandhomx il-*warrant* sabiex jipprattikaw il-professjoni ta' Inġinier (Mekkaniku). Persuna magħżula taħt din il-klawsola tieħu l-ħatra ta' *Junior Engineer*, u tirċievi salarju ta' Lm5,590 x Lm175 - Lm6,640 (Skala ta' Salarju 10).

8.2. Hekk kif iġġib il-*warrant,* il-persuna fil-grad ta' *Junior Engineer,* sakemm twettaq b'mod sodisfaċenti dmirijietha,

(ii) citizens of another European Union Member State;

or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

or

(iv) the spouse of, and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legistlation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a recognized University degree in Mechanical Engineering, or an appropriate comparable recognized qualification, or have been approved for the award of such a degree/qualification;

d) be in possession of a warrant to practice as an Engineer in Malta;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have even been in Maltese Government Service, giving details).

8.1. Applications will also be received from persons who satisfy the requirements stated in paragraphs 7 (a), (b), (c) and (e) but have not yet received the warrant to practise as Mechanical Engineer. A candidate selected under this subsection will be appointed Junior Engineer with a salary scale of Lm5,590 x Lm175 - Lm6,640 (Salary scale 10).

8.2. On obtaining the said warrant to practise as an Engineer and subject to satisfactory performance, a Junior

tkun eliġibbli għall-promozzjoni ta' Inġinier fuq l-iskala msemmija f'paragrafu 2.

8.3. Persuni li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 7 (d).

9.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni), (Cap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lilll-KNPD.

10.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-*MQRIC* jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

11.1. L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' l-Għażla biex jitqies min ikun adatt għall-post.

11.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat miIl-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz

Engineer will become eligible for promotion to Engineer with a salary as given in paragraph 2.

8.3. Successful applicants under this paragraph will only be considered for appointment if there are not enough suitable applicants under paragraph 7 (d).

9.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2. Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Ministry and copied to NCPD.

10.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of

Pubbliku u dik tad-Dipartiment tal-*Customer Services*, Ministeru għal Għawdex.

11.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http;//www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond sezzjoni 1.1.10. tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatt għal dan il-post.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.gozo.gov.mt/webimages/documents/i2005.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

14. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur *Customer Services*, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat VCT 102, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsin har ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Lulju 2006.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Lulju 2006 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356-21563641.

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni bizzejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Dipartiment jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-23 ta' Ġunju, 2006

the Department of Customer Services, Ministry for Gozo.

11.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt/. A press notice will also be issued to all local media organisations.

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

13. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
www.gozo.gov.mt/webimages/documents/i2005.pdf

or obtained from the Department of Customer Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria, Gozo.

14. Applications will be received in the first instance by the Director Customer Services, Saint Francis Square, Victoria, Gozo by not later that noon of Friday, 14th July 2006.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 14th July 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 - 21563641.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Department of Customer Services within seven (7) days.

23rd June, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għal:-

Technician (Elettriku u Elettronika)

Il-kandidati għandhom ikunu jifhmu tajjeb fit-tagħmir u l-makkinarju. Għandu jkollhom jew Diploma mill-Fellenberg fl-Elettronika Industrijali, jew Diploma mill-MCAST fl-Elettronika Industrijali jew Diploma fl-Elettriku/Elettronika (City and Guilds). Għandu jkollhom ukoll Wireman's Licence 'A' u ta' l-anqas tliet snin esperjenza f'dan il-qasam.

Permess mill-ETC Nru. 78/2006

Technician (Xjenza)

L-applikanti għandu jkollhom livell "A" fil-Fiżika, Kimika u/jew Bijoloġija. Dawk li jkollhom Diploma fil-Lab. Technician (Xjenza) jiġu kkunsidrati wkoll.

Il-kandidati li jintgħażlu jkunu responsabbli miż-żamma, tiswija u manutenzjoni ta' għodod, u biex jippreparaw it-*test pieces* meħtieġa u jipprovdu l-komponenti meħtieġa għal sessjonijiet fil-laboratorju. Huma jkollhom jipprovdu appoġġ għal-*lecturers* u studenti u biex iżommu inventarju preċiż tat-tagħmir u l-materjal kollu li jkollhom taħt idejhom.

Permess mill-ETC Nru. 93/2006

Persuni interessati għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, sa nhar it-Tnejn, l-10 ta' Lulju 2006. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, PLA 08.

It-23 ta' Ġunju, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for:-

Technician (Electrical and Electronics)

Candidates should have a good understanding of equipment and machinery. They must either have a Fellenberg Diploma in Industrial Electronics or a MCAST Diploma in Industrial Electronics or a Diploma in ElectricalċElectronics (City and Guilds). They must also have a Wireman's Licence 'A' and a minimum of 3 years experience in the field.

ETC Permit No. 78/2006

Technician (Science)

Applicants should be in possession of an "A" level in Physics, Chemistry and/or Biology. Holders of a Diploma in Lab. Technician (Science) will also be considered.

The selected candidates will be responsible for the safe custody, repair and maintenance of tools, and for preparing the necessary test pieces and providing the required components for laboratory sessions.They will be expected to provide support to lecturers and students and to keep an accurate inventory of all equipment and materials under their charge.

ETC Permit No. 93/2006

Interested persons should submit the MCAST Application Form, available online and from the Human Resources Office, by not later than noon of Monday, 10th July 2006. Late applications will not be considered. Further information may be obtained from the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, PLA 08.

23rd June, 2006

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Il-Kunsill Malti għall-Isport jeħtieġ is-servizz ta' numru ta' *Sports Leaders* għall-programm tas-Sajf 'Summer on the Move 2006'. Dan il-programm ta' attivitajiet sportivi se jkun mis-17 ta' Lulju sat-8 ta' Settembru, 2006. Kull *Sports Leader* jaħdem fuq bażi ta' mhux aktar minn għoxrin siegħa fil-ġimgħa. Il-ħlas huwa ta' Lm4 fis-siegħa. Huma eliġibbli li japplikaw persuni li għandhom *degree* Universitarju fl-Edukazzjoni Fiżika jew ikkwalifikati f'xi dixxiplina sportiva jew għandhom ċertifikat rikonoxxut fit-tagħlim ta' l-Għawm. Persuni interessati għandhom japplikaw u jibagħtu CV dettaljata indirizzata lill-Kap Eżekuttiv, Kunsill Malti għall-

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport is seeking to recruit a number of Sports Leaders for its 'Summer on the Move 2006' sports programme. The selected candidates will be expected to work from the 17th July to the 8th September, 2006. Each Sports Leader is expected to work a maximum of twenty hours per week. Gross payment will be of Lm4 per hour. Applicants are eligible to apply if they are in possession of a University Degree in P.E. or have an academic/technical qualification in the field of sports and/or have a recognized Assistant Teacher Certificate in Swimming. Interested persons are to send a detailed CV to the Chief Executive, Kunsill Malti għall-

Isport, Kumpless Sportiv Kottonera sa mhux aktar tard minn nhar it- Tlieta, l-4 ta' Lulju, 2006. Aktar dettalji jinkisbu mit-Taqsima Programmi , Kunsill Malti għall-iSport, Kumpless Sportiv Kottonera, CSP 02, Tel: 21660658/9; Fax: 21660652; email: programmes@sportmalta.org.mt.

Deskrizzjoni ta' xogħol dettaljata tista' tinkiseb fuq talba mit-Taqsima tal-Programmi, KMS, Kumpless Sportiv Kottonera

It-23 ta' Ġunju, 2006

Isport, Cottonera Sports Complex, Cottoner Avenue, Cospicua CSP 02, Tel: 21660658/9; Fax: 21660652; email: programmes@sportmalta.org.mt by not later than Tuesday, 4th July 2006.

A detailed job description is available on request from the Programmes Section, KMS, Cottonera Sports Complex.

23rd June, 2006

DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU
TAQSIMA TA' L-ASSESSJAR EDUKATTIV
DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jfakkar li l-istudenti se jircievu d-dar ir-riżultati ta' l-Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-Junior Lyceum 2006.

Dawn ir-riżultati ġew impustati l-Erbgħa 21 ta' Ġunju 2006 u se jkunu għall-wiri fl-uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola minn nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Ġunju, 2006. Dawk il-ġenituri li għal xi raġuni ma jkunux irċevew ir-riżultat id-dar, ikunu jistgħu jaraw ir-riżultat ta' binhom/binthom wara li jippreżentaw il-karta ta' l-identità tagħhom lill-Kap ta' l-Iskola, minn nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju. L-ebda riżultat ma jingħata fuq it-telefon.

Wieħed jista' jara dawn ir-riżultati fl-iskejjel (Statali u Privati) fejn il-kandidati għamlu l-eżami. Ngħarrfu lil dawk il-kandidati li jkunu għamlu l-eżami fiċ-Ċentri Speċjali li jistgħu jaraw ir-riżultat fl-iskola fejn kienu rreġistrati oriġinarjament.

Ġenituri jew tuturi ta' kandidati li jixtiequ jitolbu reviżjoni tal-karti ta' l-eżami msemmi għandhom jagħmlu dan billi jimlew formola ta' l-applikazzjoni għar-reviżjoni fl-uffiċċju tal-*Customer Care* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, jew fl-uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, skond il-każ.

Dawn il-formoli jistgħu jimtlew bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar, minn nhar it-Tnejn, is-26 ta' Ġunju, 2006 sa nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju, 2006. Applikazzjonijiet wara din id-data kif ukoll applikazzjonijiet bil-posta u/jew mhux fuq il-formola uffiċjali ma jiġux aċċettati.

It-23 ta' Ġunju, 2003

DEPARTMENT FOR CURRICULUM MANAGEMENT
EDUCATIONAL ASSESSMENT UNIT
EDUCATION DIVISION

The Director General (Education) reminds the public that students will be receiving the results of the Form One Junior Lyceum Entrance Examination 2006 at home.

These results were taken to the post on Wednesday 21st June 2006 and will be displayed in the Office of the Head of School as from Friday, 23rd June, 2006. Parents who for some reason do not receive the results have to submit their I.D. card to the Head of School on Friday, 23rd June so as to view their children's results. No results will be given over the phone.

Results can be viewed at the schools (state and non-state) where the candidates sat for the examination. Those candidates who took the examination at the Special Examination Centres are informed that their results will be published at the school where they had originally registered.

Parents/guardians of candidates wishing to apply for a revision of paper are to fill in the appropriate application form either at the Customer Care Office, at the Education Division, Floriana, or at the Education Office, Victoria, Gozo as applicable.

The said form may be filled between 8.00 a.m. and 12 noon as from Monday 26th June, 2006 until Monday 3rd July, 2006 both days inclusive. Late applications will not be considered. Applications sent by post and/or not on the prescribed form will not be accepted.

23rd June, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami għall-Postijiet ta' Messaġġier tal-Qorti fil-Qrati tal-Ġustizzja f'Malta

Il-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż hawn fuq imsemmi ntbagħat lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż huma mitluba biex jikkuntattjaw lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana, minnufih.

It-23 ta' Ġunju, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf illi skond il-proċedura stabbilita dwar l-eżamijiet pubbliċi se jitilgħu fil-pubbliku l-karti ta' l-eżami skond kif jidhru hawn taħt:-

Eżami għall-Postijiet ta' Messaġġier tal-Qorti fil-Qrati tal-Ġustizzja f'Malta

Eżamijiet bil-Miktub

Il-Ħamis, 20 ta' Lulju, 2006	Malti
Il-Ġimgħa, 21 ta' Lulju, 2006	Ingliż

It-tlugħ tal-karti se jsir fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana fis-7.15 a.m.

It-23 ta' Ġunju, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami għall-Postijiet ta' *Security Guard* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż hawn fuq imsemmi ntbagħat lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż huma mitluba biex jikkuntattjaw lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana, minnufih.

It-23 ta' Ġunju, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examinations for the Filling of Posts of Court Messenger at the Courts of Justice, Malta

The Director of Examinations notifies that the notice of the abovementioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have not received the notice of the examination are invited to contact the Department of Examinations, Floriana, immediately.

23rd June, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The Director of Examinations notifies that according to the procedure established for public examinations, the examination papers will be drawn in public as shown hereunder:-

Examination for the Posts of Court Messenger in the Courts of Justice in Malta

Written Examinations

Thursday, 20th July 2006	Maltese
Friday, 21st July 2006	English

The papers will be drawn at the Examinations Department, Floriana, at 7.15 a.m.

23rd June, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examinations for the Filling of Posts of Security Guard in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Director of Examinations notifies that the notice of the abovementioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have not received the notice of the examination are invited to contact the Department of Examinations, Floriana, immediately.

23rd June, 2006

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf illi skond il-proċedura stabbilita dwar l-eżamijiet pubbliċi se jitilgħu fil-pubbliku l-karti ta' l-eżami skond kif jidhru hawn taħt:-

Eżami għall-Postijiet ta' *Security Guard* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Eżamijiet bil-Miktub

It-Tlieta, 25 ta' Lulju, 2006	Malti
L-Erbgħa, 26 ta' Lulju, 2006	Ingliż

It-tlugħ tal-karti jsir fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana fis-7.15 a.m.

It-23 ta' Ġunju, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The Director of Examinations notifies that according to the procedure established for public examinations, the examination papers will be drawn in public as shown hereunder:-

Examination for the Posts of Security Guard in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

Written Examinations

Tuesday, 25th July 2006	Maltese
Wednesday, 26th July 2006	English

The papers will be drawn at the Examinations Department, Floriana, at 7.15 a.m.

23rd June, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidat nominat skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 ta' l-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Santa Venera, huwa dan li ġej, jiġifieri:

Kandidat Nominat

ZAMMIT JOHN

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Lawrence Ancilleri, għal-Lokalità ta' Santa Venera, skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, nhar it-Tnejn, is-26 ta' Ġunju, 2006, f'nofsinhar fl-Uffiċċju Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-23 ta' Ġunju, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule, for the casual election of a Councillor for the Locality of Santa Venera, is the following, that is:

Nominated Candidate

ZAMMIT JOHN

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Lawrence Ancilleri, for the Locality of Santa Venera, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, on Monday, 26th June, 2006, at noon at the Electoral Office, Evans Building, St Elmo Square, Valletta.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

23rd June, 2006

KUNSILL LOKALI SAFI

Il-Kunsill Lokali Safi jgħarraf li jistgħu jinġabru applikazzjonijiet għall-armar ta' gabbani fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl. L-applikazzjonijiet jistgħu jinġabru mit-Tnejn, it-3 ta' Lulju 2006 bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u l-applikazzjonijiet mimlija u bid-dokumenti annessi jibdew jintlaqgħu mit-Tnejn, l-10 ta' Lulju 2006 bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sal-Ġimgħa, it-18 ta' Awissu, 2006 fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Jekk xi dokument minn dawk elenkati fl-applikazzjoni ma jkunx ippreżentat l-applikazzjoni ma tintlaqax. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu fuq bażi ta' *first-come, first served*.

It-23 ta' Ġunju, 2006

SAFI LOCAL COUNCIL

The Safi Local Council notifies that applications for the setting up of kiosks on the occasion of the feast of St Paul may be collected from the Safi Local Council as from Monday, 3rd July 2006 between 8.00 a.m. and noon. Duly completed applications including necessary documents may be submitted as from Monday, 10th July 2006 between 8.00 a.m. and noon. Applications will be received until Friday, 18th August 2006 during office hours.

If any required document is not presented, the application will not be accepted. Applications shall be accepted on a first-come, first served basis.

23rd June, 2006

